MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2005

Numru. 292/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nadia Lanzon)**
**vs**
**Angelo Abela**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Angelo Abela, iben Carmelo u Rita nee\` Delmar, imwieled iz-Zejtun fit-28 ta' Frar 1959, detentur tal-karta ta' l-identita\` bin-numru 179659 (M) u li joqghod 'Warda', Triq l-Armier, Zejtun.

Akkuzat

a) talli fil-5 ta' April 2004 bejn il-hin ta' l-10.00 p.m. u l-10.30 p.m. ta' bil-lejl, fi Tirq is-Siniskalk, Zejtun, kisser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied, kif ukoll hebb permezz ta' hadida, ghall-persuna ta' bintu, Diane Abela ta' tmintax-il (18) sena u kkagunalha feriti ta' natura gravi, cjoe\` offizi gravi li jgibu sfregju gravi u permanenti fuq il-

wicc, hekk kif iccertifikat Dr. Denise Debono tal-Casualty Department ta’ St. Luke’s Hospital u dan ai termini ta’ l-artikoli 214, 216 (1) (a) (iii), 218 (1) (a) u (b) kif ukoll artikolu 222 (1) (a) tal-Kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali ta’ Malta.

b) talli fl-istess cirkostanzi, data, hin u lok, kiser il-bon ordni u l-paci pubbblika b’ghajjat u glied u kif ukoll hebb ghall-persuna ta’ l-gharus ta’ bintu, Josef Curmi miz-Zejtun u kkagunalu feriti ta’ natura hafifa hekk kif iccertifika Dr. Anton Bugeja MD. No. 2466 tal-Health Centre tal-Furjana u dan ai termini ta’ l-artikolu 221.

Il-Qorti hija mitluba sabiex tapplika l-provvedimenti ta’ l-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligjijiet ta’ Malta ghas-sigurta` ta’ Diane Abela u Josef Curmi.

Il-Qorti rat l-atti kollha tal-process inkluzi dawn li gej:

Il-verbal tas-6 ta’ April 2004 fejn l-Ufficjal Prosekutur, l-Ispettur Nadia Lanzon halfet l-akkuza fil-konfront ta’ l-imputat, esebiet fedina penali, certifikat mahrug f’isem Diane Abela u certifikat mahrug f’isem Josef Curmi. Fl-istess verbal, il-Qorti nnominat lil Dr. Mario Scerri sabiex jezamina minnufih lil Diane Abela u Josef Curmi u jiehu r-ritratti relattivi taghhom u jaghti deskrizzjoni dettaljata dwar il-feriti subiti minnhom. U dejjem fl-istess verbal, il-Prosekuzzjoni esebiet kanna tal-hadid li hija mmarkata bhala Dokument CSH 3.

Rat ukoll il-kopja tal-fedina penali li tidher a fol. 5, il-kopja tac-certifikat ta’ Dr. Denise Debono dwar il-kundizzjoni ta’ Diane Abela u l-kopja tac-certifikat (a fol. 9) ta’ Dr. A. Bugeja dwar il-kundizzjoni ta’ Josef Curmi, il-current incident report tal-15 ta’ April 2004, l-istqarrija rilaxxata lill-Pulizija mill-imputat fis-6 ta’ April 2004, ir-rapport imhejji u mahluf minn Dr. Mario Scerri, in-noti ta’ l-osservazzjonijiet ipprezentati kemm mill-Prosekuzzjoni kif ukoll mid-Difiza, l-artikoli illi baghat l-Avukat Generali u li jidhru a fol. 124 u t-twegiba ta’ l-imputat dwar jekk kellux oggezzjoni li il-proceduri jkunu sommarji fejn iwiegeb li ma kellux

oggezzjoni u din il-fehma ma biddilhiex wara li nghata zmien xieraq biex jahsibha.

Semghet ix-xhieda bil-gurament, rat in-noti ta' l-osservazzjonijiet ipprezentati fit-12 ta' Mejju 2005 mill-Prosekuzzjoni u fid-9 ta' Gunju 2005 mid-Difiza.

**Ikkonsidrat**

Il-fatti skond l-Ispettur Nadia Lanzon fis-6 ta' April 2004 ghall-habta ta' l-4.30 a.m. kienet infurmata mis-Surgent li aktar kmieni, jigifieri fil-5 ta' April 2005 ghall-habta ta' l-10.30 p.m. il-Pulizija taz-Zejtun gew infurmati minn telefonata anonima li kien hemm xi glieda u argument fi Triq is-Siliskalk gewwa z-Zejtun.

Il-Pulizija marru fuq il-post u rrizulta li kien hemm glieda bejn Angelo Abela u t-tifla tieghu ta' tmintax-il (18) sena, Diane Abela u l-boyfriend taghha, Josef Curmi. Matul din il-glieda, Diane Abela kienet sofriet xi griehi konsiderevoli, specjalment f'wiccha. Issejhet l-ambulanza, Diane Abela ttiehdet l-isptar u l-Pulizija kienu mbaghad kellmu lil Angelo Abela. Dan spjegalhom li kellu xi cwievet neqsin. Dawn kienu ta' xi garaxxijiet u kien issuspetta li kienet hadithomlu Diane biex jinfethu l-garaxxijiet u johdulu xi affarijiet. Dan peress li qabel kien hemm xi ncidenti simili. Allura huwa ddecieda illi dak il-lejl jorqod fil-kabina tat-trakk biex jaghmel l-ghassa. Dan it-trakk kien ipparkjat xi ftit metri 'l boghod minn dawn il-garaxxijiet.

Ghall-habta ta' l-10.15 p.m. ra lil bintu gejja akkumpanjata minn Josef Curmi. Spjega wkoll li hu meta kien fit-trakk kien ressaq il-purtiera mat-tieqa biex ma jkunx jidher minn barra. Sema' lil xi hadd jilghab mal-lock tat-trakk taz-zewg bibien, izda t-trakk kien imsakkar minn gewwa u ma setax jinfetah. Mar ittawwal mit-tieqa u ra lil bintu Diane u Josef Curmi resqin lejn id-dghajsa li kienet ipparkajata fuq it-trailer xi ftit distanza 'l boghod. Kif ra hekk, huwa hareg bil-mod minn gewwa l-vann tieghu, hareg ukoll pipe tal-metall, liema pipe is-soltu jkun fit-trakk u juzah minhabba t-trakk. Resaq lejhom, dak il-hin, skond l-imputat, Josef Curmi kien fuq id-deck ta' din id-dghajsa u din kienet fuq l-

iskippa, staqsihom x'kienu qed jaghmlu u qabad u xejjer daqqa lil bintu permezz ta' din il-hadida li kienet f'idejh fuq in-naha tad-dahar ta' bintu. Wara pprova jmur jaghti wkoll daqqa lil Josef, li pero` mbuttah u harab jigri. Huwa spjega li Josef imbotta lilu, jigifieri lill-imputat, l-imputat waqa' u gie fuq bintu u t-tnejn waqghu fl-art.

Mitlub jispjega l-injuries li kellha f'wiccha Diane, l-imputat qal li jista' jkun li meta t-tifla waqghet ma' l-art, din laqtet wiccha jew mal-hajt jew ma' l-art, jew inkella laqtet wiccha ma' xi hadida li setghet kienet ma' l-art. Hawnhekk, taht gurament, l-Ispettur Nadia Lanzon qalet li meta s-Surgent kien mistoqsi huwa qal li ma kien innota l-ebda hadida ma' l-art.

L-imputat spjega li dak il-hin kien irrabjat hafna lejn bintu li kienet dahlet f'xi kumpanija hazina u semma xi problemi ohrajn. Eventwalment Diane Abela ttiehdet l-isptar u kienet ezaminata minn Dr. Denise Debono li din iccertifikat li kellha injuries gravi, specjalment f'wiccha. Il-Pulizija kellmet lil Diane ukoll, li cahdet li kienet hadet xi cwievet minghand missierha. Qalet li Josef Curmi ma kellux permess jidhol fid-dar taghha ghax missierha ma kellux pjacir bih. Hi kienet issuggeriet li jmorru joqghodu jitkellmu gewwa t-trakk ta' missierha, ippruvaw jifthuh, ma setghux imbaghad marru jghollu l-cover minn fuq id-dghajsa u f'daqqa wahda gie ghalihom missierha li kellu hadida f'idejh u li gie jxejjer daqqa in-naha taghha. (Ara fol. 30 tal-process). Meta giet mistoqsija fejn laqghatha missierha jew kemm-il daqqa giet moghtija, hi spjegat li ma tiftakar xejn izda l-ahhar haga li tiftakar lil missierha jxejjer din id-daqqa in-naha taghha u dak il-hin hi kienet qed thares wiccha lejn id-direzzjoni ta' missierha, pero` ma tiftakar xejn iktar hlief li kienet l-isptar qed tigi kkurata.

Kien mitkellem ukoll Josef Curmi li spjega l-istess fatti kif qalet Diane Abela u spjega kif f'hin minnhom gie missierha b'din il-hadida u wkoll li kif il-missier kien se jaghti d-daqqa lil bintu, huwa, Josef Curmi, qabez u harab jigri. Missierha mbaghad gie jigri warajh u anke laqtu b'din il-hadida, pero` as such, ma rax id-daqqiet jaqghu fuq Diane Abela.

Xhud iehor tal-Prosekuzzjoni kien PS 249 Angelo Curmi iilli dan gharaf lill-imputat fl-awla u kien kellem lill-imputat biex jara x'gara. L-imputat kien qallu li kien fit-trakk, kien jaf li bintu u l-gharus taghha kienu skussaw il-bieb tat-trakk imbaghad rahom sejrin lejn id-dghajsa. Imbaghad mar u kellu xi hadida fit-trakk u ghamel ghalihom biha. Huwa, jigifieri l-imputat, innega li kien ta bil-hadida f'wicc bintu u qal li taha fuq genbha u li probabbli li waqghet dak il-hin li kien ghamel ghal Josef Curmi u li setghet habtet mal-bankina jew hekk. Josef Curmi qal ukoll li kellu xi injuries hfief fuq genbu. Hawnhekk ix-xhud, PS 249 Angelo Curmi qal li t-tifla kellha d-demm u li anke bdiet tirrigetta, ghalhekk cemplu lill-ambulanza, imbaghad kellimha l-isptar wara li mmedikawha u hadulha l-x-rays. It-tifla kienet qaltlu li missierha qabad jaghtihom u qalet il-kliem "Gie ghalina." (A fol. 16). Ghalkemm dan ix-xhud qal 'Ifhem, ma qaltlix li taha go rasha' pero` qaltli li tahom bil-hadida (a fol. 17). Il-hadida kien taha lis-Surgent l-imuputat stess. Josef Curmi qal lil dan ix-xhud ukoll 'Qalli gie u qabad jaghtina bil-hadida.' (A fol. 18).

Fil-fatt huwa wera l-injuries li kellu fuq genbu u hemm ukoll certifikat ta' slight injuries mahrug mill-Paola Health Centre. Ghall-mistoqsijiet tad-Difiza ix-xhud qal illi Anglu kien qallu li dahlulu xi cekkijiet u a fol. 20, l-Avukat tad-Difiza kien qal hekk 'bhala fatt il-missier gie jirrapporta lil ibnu meta sar jaf ghax riedu jfiq biex intom tiehdu l-passi kontra l-persuna li qed taghtih id-droga.' Ix-xhud qal 'Naf li kellu xi kwistjoni mat-tifel pero` ma nafx daqshekk fid-dettall.'

Dwar it-tifla, dan ix-xhud qal li l-imputat qallu li kienu hadulu c-cheque book u ssarrfu zewg cekkijiet u allega li kienet it-tifla imma ma riedx jiehu passi ghax kien irranga mal-Manager ta' Hal Tarxien. Rega' semma l-istorja ta' kif sparixxew ic-cwievet. Dan ix-xhud, jigifieri PS 249 Angelo Curmi, ipprezenta Dok. AC a fol. 24 li juri l-ismijiet taz-zewg persuni illi ghamlu r-rapport, Diane Abela u a fol. 25 Josef Curmi.

Xhud iehor tal-Prosekuzzjoni kien PC 745 Godfrey Formosa li qal li marru Triq is-Siniskalk ghax kien hemm xi argument. Huwa qal li meta nizel ra t-tfajla bid-demm. ‘Jien minn naha tieghi indunajt li qalghet daqqa ta’ xi haga fuq wiccha ghax kellha wiccha bid-demm.’

Xhud tal-Prosekuzzjoni iehor PS 46 Charlot Casha kkonferma li kien ha r-ritratti tat-trakk u tad-dghajsa li kienu sitwati goz-Zejtun, wara li kienet talbitu jaghmel dan l-Ispettur Nadia Lanzon.

Rat l-istqarrija ta’ l-imputat tas-6 ta’ April 2004 fid-9.56 a.m. Huwa ntwera l-pipe tal-hadid. Huwa qal li din kienet skanja u juzaha biex itella’ s-saqajn tat-trailer. Huwa qal li l-bierah kien raqad got-trakk ghax kien ghassa ghal xi hadd (a fol. 33). A fol. 34 “ Mistoqsija: L-incident li nqala’ x’kien ezatt? Twegiba: Jiena meta sibthom fuq id-dghajsa saqsejthom x’kienu qeghdin jaghmlu u huma qabdu jlaqalqu u jien dak il-hin kelli l-hadida f’idejja liem kont nizziltha mieghi minn got-trakk u xejjirt daqqa biha fuq dahar Diane u lqadtha go dahra. Hu kien fil-gholi izjed minnha u meta jiena ppruvajt immur ghalih, hu mbuttani u nqlibna t-tnejn u hu qabez u harab jigri u jiena mort warajh. Mistoqsija: Lil Diane kemm-il daqqa tajtha bil-hadida? Twegiba: Wahda biss jew go darha jew go genbha u wiccha jew laqtitu gol-hajt meta imbuttani Josef jew inqlibna jiena u Diane u hemm il-hajt vicin hafna u nahseb li wegghet wiccha jew mal-hajt jew kien hemm bicca hadida ma’ l-art. Mistoqsija: Inti taf li Diane ghandha griehi ta’ natura gravi u anke xi ksur go wiccha? Twegiba: Jiena rajtha fl-art u meta giet l-ambulanza kellha d-demm go wiccha. Mistoqsija: Qed nurik hadida liema hadida giet mehuda minn ghandek. Qed taghrafha? Twegiba: Iva, qed naghrafha bhala l-hadida tat-trakk tieghi li biha tajt daqqa lil Diane u lil Josef. Mistoqsija: Lil Josef ilqadtu bil-hadida? Twegiba: Iva lqadtu. Mistoqsija: Inti jiddispjacik talli gara? Twegiba: Jiddispjacini hafna pero` t-tifla qabdet triq hazina hafna u nixtieq li kieku tbiddel hajti ghax dan huwa kollu nkwiet ghalija.”

Dr. Mario Scerri li kien l-espert inkarigat mill-Magistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. pprezenta r-rapport tieghu

u f’pagna 45 insibu illi Diane Abela allegat ma’ l-espert li fil-5 ta’ April 2004 waqt li hi kienet ma’ Josef Curmi ‘dawn gew aggrediti mill-istess missierha, Angelo Abela, fejn hi allegat ma’ l-espert li qalghet xi daqqa ta’ kanna tal-metall fuq rasha.’

Il-konkluzjonijiet ta’ dan l-espert huma frattura tal-maxilla tal-lemin ta’ Abela li kienet tinvolvi il-ventral u d-dorsal walls tal-maxillary sinus b’haematoma fl-imsemmija sinus, frattura taz-zygoma, periorbital haematoma madwar l-ghajn il-leminija ta’ Diane Abela u l-haematoma fuq in-naha tal-lemin tal-wicc t’Abela. Dawn iz-zewg haematomas kienu friski u kompatibbli ma’ blunt trauma.

L-istess kompla jghid fil-punt numru 4 tieghu a fol. 57. Illi dawn il-lezjonijiet deskritti huma kompatibbli ma’ blunt trauma u l-fatturi msemmija flimkien mal-haematoma u l-maxillary sinus jaghtu ndikazzjoni cara illi t-trauma subita minn Abela kienet wahda ta’ certa forza. Il-fratturi huma ta’ natura gravi u jistghu jhallu l-kumplikazzjonijiet taghhom.

Huwa kompla jghid li l-lacerazzjoni suturata fuq in-naha tal-lemin tal-wicc ta’ Abela hija lezjoni ta’ natura gravi ghar-raguni li din thalli marka permanenti fuq il-wicc ta’ Diane Abela.

Dwar Curmi, huwa qal li d-dbengila fuq id-driegh tax-xellug ta’ Curmi kienet wahda friska u kompatibbli ma’ qarsa. Id-dbengila deskritta fuq il-lumbar region tal-lemi ta’ Curmi kienet wahda friska u kompatibbli ma’ blunt trauma. Il-lezjonijiet fuq il-persuna ta’ Curmi huma ta’ natura hafifa.

Meta xehed fl-awla, Dr. Mario Scerri qal ukoll illi huwa u diehel fl-awla kien hemm sinjal li jidher li Diane Abela kienet giet operata f’wiccha.

Il-Prosekuzzjoni ppruvat issaqsi ma’ xiex inhuma kompatibbli l-injuries li kellha f’wiccha Diane u x-xhud rega’ rrisponda ‘ma’ blunt trauma qawwija tant li pproduciet frattura tal-maxillary sinus u zygoma, li huma

ghadam zghar.' A fol. 39 imbaghad qal li huma kompatibbli ma' daqqa diretta fuq il-wicc. Il-Qorti staqsietu 'Biex tahseb li saret id-daqqa?' Huwa rrisponda 'Tista' tkun anything, xi haga, hemm ponta u li m'ghandhiex cutting egde, xi haga blunt. Prosekuzzjoni: Tista' tghidilna jekk hux daqqa li giet moghtija jew waqgha per ezempju?' Ix-xhud qal "Meta niddeskrivu daqqa, rizultat ta' trauma prodotta minn xi haga li tkun blunt tista' tkun jew hi qalghet daqqa fuq ir-ras jew ir-ras habtet ma' xi haga li hija blunt. Pero` definittivament li daqqa wahda qawwija qeghda l-bicca. Ma kienx hemm iktar minn daqqa wahda.'

L-Avukat tad-Difiza staqsa lil Dr. Mario Scerri 'Jigifieri jekk qed nifhem tajjeb, tista' tkun kompatibbli ma' waqgha.' Dejjem a fol. 40, ix-xhud qal 'Iva, tista' tkun kompatibbli ma' waqgha'

F'pagna 41 ix-xhud qal 'Il-lacerazzjoni kienet zghira. Jista' jkun jekk taqa` u tigi direttament fuq wiccha, iva. Pero` daqqa wahda kellha.'

Xehdet ukoll Dr. Denise Debono li ezaminat lil Diane Abela fis-6 ta' April 2004 ftit wara nofs il-lejl li qalet illi Diane Abela kellha multiple head injuries. "Bazikament kellha tbengila kbira madwar ghajnha l-leminija. Kellha hafna nefha u tbengil fuq il-warda ta' wiccha l-leminija. Kellha ferita miftuha zghira imam fonda fuq il-wara ta' wiccha l-leminija wkoll. Kellha ksur tal-maxilla l-leminija, il-maxilla hija l-ghadma li tifforma l-warda tal-wicc. Kellha ksur tas-sinus ukoll. Kellha ksur taz-zygoma. Iz-zygoma hija l-ghadma li tifforma l-parti laterali tal-warda tal-wicc. Is-CT scan kien wera probable fracture tal-frontal bone. Il-frontal bone hija l-ghadma li tifforma l-mohh.'

Il-Prosekuzzjoni staqsiet (a fol. 98) 'U l-pazjenta spjegatlek kif garrbet dawn il-griehi?' Ix-xhud qalet 'Hija kellha idea li kienet qalghet daqqa ta' xi haga tal-metall pero` wara ma tiftakar xejn. Meta rajtha jiena dak il-hin ma kienet qed tiftakar xejn.'

Fil-kontro-ezami l-Avukat staqsa lil Dr. Denise Debono jekk l-injury hijiex kompatibbli ma' waqgha jew direct hit ma' l-art. Ix-xhud qalet 'Ma nistax nghid, imbaghad 'M'inix qed nifhmek' u fl-ahhar qalet 'Hija kompatibbli, iva."

Xehed ukoll Dr. Anthony Carmel Bugeja li kien ezamina lil Josef Curmi li kien qallu li huwa, (Josef Curmi) kien qala' daqqiet minghand missier it-tfajla.

Xehed ukoll Josef Curmi a fol. 70. Huwa qal illi l-imputat 'haseb li konna se nisirquh u jien rajtu tiela, rajtu ha jxejjer daqqa fid-direzzjoni ta' Diane b'hadida.'

L-Avukat Difensur staqsa lix-xhud 'Qaltlek li qed jissuspetta l-imputat li dawn il-flus kienu qed jintuzaw ghad-droga u nkwieta ruhu?' (a fol. 76). Ix-xhud wiegeb 'Le, ma qaltlix li qed jahseb li qed jintuzaw ghad-droga.' Huwa wiegeb ukoll li f'dak iz-zmien ta' l-incident kienu qed jiltaqghu spiss. L-Avukat Difensur kompla jsaqsi dwar ic-cheque u l-Prosekuzzjoni qalet li ma tantx ghandhom relevanza. Hawnhekk ix-xhud wiegeb li jaqbel li missier Diane, l-imputat, kien inkwetat bil-fatt li Diane qed tohrog ma' Josef Curmi.

Mistoqsi dwar ic-cwievet tal-garaxxijiet, Josef Curmi nnega illi it-tfajla kellha dawn ic-cwievet u t-trakk kienu ppruvaw jifthuh biss mill-pum. Imbaghad f'daqqa huwa qal li ra lil missier Diane Abela sejjer ixejjirha izda mhux jaghtiha din id-daqqa. Staqsieh ukoll l-Avukat Difensur rax lil Diane taqbez u dan qal 'le' (a fol. 83). L-imputat, Diane u Josef Curmi kienu fl-istess gholi ta' madwar disa' (9) piedi.

Diane Abela kienet xhud tal-Prosekuzzjoni, izda peress li tigi bint l-imputat u ma xtaqetx tixhed, il-Qorti kienet ezentatha. A fol. 66 Diane Abela qalet 'It-tnejn li ahna ghamilna l-izbalji. Irridu nahfru t-tnejn li ahna lil xulxin.'

Ghad-Difiza, xehed l-imputat illi qal li kienu qed jonqsulu l-flus u hadulu xi cekkijiet. Qal ukoll li kellu t-tifel ghaddej minn problema tad-droga (a fol. 131). Qal li naqsulu c-cwievet a fol. 132. A fol. 133 qal li kien ghamel l-ghassa

dak il-lejl u spjega l-fatti kif hu kien ghamel imhadda taht il-kutra fuq is-sodda biex hi tikkoncentra li kien qieghed rieqed hemmhekk. Huwa spjega kif bdew jiskussaw it-trakk waqt li hu kien qieghed go fih.

A fol. 134 huwa qal ‘It-tifla kienet fuq l-iskippa tad-dghajsa.’ L-imputat tela’ hdejha u hu kien gewwa. Hu jigifieri Josef Curmi. Hareg jigri, jigifieri l-imputat tela’ ghalih, allega l-imputat, li Josef Curmi mbuttah, li l-imputat habat mat-tifla tieghu u t-tifla waqghet ghal isfel, habtet wiccha mal-hajt ghax id-dghajsa ma kienitx boghod mill-hajt li kien wara. Huwa nnega a fol. 134 li uza l-hadida. Qal ‘Le. Lilu iva. Lilu ppruvajt inxejjirlu, ma lqadtux imma l-bqija ma gara xejn.’ L-gholi tad-dghajsa kkalkulah xi hames piedi jew erba’ piedi u nofs. Huwa qal li lanqas jista’ jkun li hu ta daqqa bil-hadida lit-tifla (a fol. 135).

Meta l-Prosekuzzjoni staqsietu ‘Fl-ebda hin ma missejtha bil-hadida?’ l-imputat qal ‘Ha niftakar ezatt. Ma nafx jekk jistax ikun ilqadtha fuq dahra. Bhalissa forsi nsejt imma fuq wiccha zgur li le.’

Fil-faccata ta’ wara qal ‘Mhux ezatt, jista’ jkun li forsi dak il-hin bir-rabja, iva xejjirtilha imma.’ Il-Prosekuzzjoni hawnhekk fakkret lill-imputat x’kien qal fl-istqarrija maghmula minnu billi qrathielu in toto. Fost l-affarijiet, huwa kien qal fl-istqarrija, ‘dak il-hin kelli l-hadida f’idejja, liema hadida kont nizziltha minn got-trakk u xejjirt daqqa biha fuq dahar Diane u lqadtha go dahra.’ Il-hadida qal li hija tieghu. Meta l-Prosekuzzjoni staqsietu ‘Tikkonferma wkoll li lil Diane tajtha daqqa bil-hadida fuq daharha jew genbha?’ ix-xhud wiegeb ‘jista’ jkun.’ (A fol. 142).

Skond l-imputat jidher li llum id-differenzi rrangaw ruhhom.

**Noti ta’ l-osservazzjonijiet**

Minn nota tal-Prosekuzzjoni johrog illi l-imputat kien fi stat ta’ rabja, hareg mit-trakk u mieghu hareg pipe tal-hadid li hu kien ipprepara apposta sabiex jista’ juzah. Huwa tela’ ghal wara bintu u xejjer xi daqqiet b’dan l-istess pipe fuq

il-persuna ta’ bintu, Diane. Dan huwa kkonfermat mill-istqarrija ta’ l-imputat stess.

Il-Prosekuzzjoni rreferiet ukoll ghal dak li qal Dr. Mario Scerri fir-rapport tieghu, specjalment meta Diane kienet mistoqsija mill-istess Dr. Mario Scerri x’kien gralha, u kienet wiegbet li qalghet daqqa ta’ kanna tal-hadid minghand missierha. Dr. Scerri qal li l-griehi kienu rizultat ta’ blunt trauma.

Il-Prosekuzzjoni nsistiet li kemm Diane kif ukoll Josef Curmi kienu ikkorroboraw ezatt dak li gara u li qal l-imputat stess a tempo vergine u li l-Pulizija keinet marret fuq il-post ta’ l-incident u elevat il-pipe imdaqqas, waqt li Angelo Abela kkonferma li l-pipe kien tieghu. Skond il-Prosekuzzjoni ma hemm ebda dubju li l-feriti li sofrew kemm Diane u kemm Josef, kienu rizultat ta’ daqqiet tal-pipe li xejjer l-imputat.

L-imputat jidher cert li xejjer daqqa u laqat lil bintu ghalkemm ma jafx jekk hux f’daharha jew f’genbha. L-allegazzjoni dwar il-hadida li kienet ma’ l-art tisfuma fix-xejn ghax din ma nstabitx u lanqas ma nstabu tracci ta’ demm mal-hajt li mieghu allegatament, Diane wegghet wiccha.

Id-Difiza nsistiet fin-nota ta’ l-osservazzjonijiet taghha li Angelo Abela huwa ragel tal-familja illi kellu problema b’ibnu l-fustani rigward il-vizzju tad-droga u li fl-istess zmien bintu, Diane, bdiet tohrog ma’ Josef Curmi li allegatament kien ukoll isofri mill-problema tad-droga. Il-fatt li ssuspetta li Diane u l-gharus taghha kienu hadulu c-cwievet ma jfissirx li kellu xi animu kontra bintu. Id-Difiza tghid li mhux minnu li l-imputat laqat bil-kanna wicc bintu meta huwa qabadhom jidhlu fil-mahzen in kwistjoni. Huwa xejjer daqqa bil-pipe fuq dahar bintu u jghid li l-gharus ta’ bintu, Josef Curmi, mar ghalih, tlewmu u waqt li kienu qed jitgerrbu bintu zelqet minn fuq id-dghajsa u waqghet u habtet wiccha ma’ l-art.

Id-Difiza nsistiet li fuq mistoqsijiet li saru lit-Tabib Scerri, dan qal li l-griehi huma kompatibbli wkoll ma’ waqgha mill-

gholi u ghalhekk illi l-verzjoni ta’ l-imputat m’hijiex kontrastanti xejn u lanqas imxejjna mill-istess Diane Abela li ma qalitx li qalghet daqqa fuq wiccha minn missierha, imma qalet li meta qalghet id-daqqa hija stordiet u waqghet.

Id-Difiza ziedet illi Josef Curmi ma rax lil Angelo Abela jaghti daqqa lil Diane Abela. Qalet ukoll illi ma hemm l-ebda prova li Angelo Abela xejjer daqqa bil-pipe fuq wicc bintu u lanqas hemm il-prova li l-pipe fih id-demm ta’ bintu stante li lanqas saret analizi ta’ dan. Lanqas hemm il-prova li l-pipe in kwistjoni huwa mcappas bid-demm ta’ Diane Abela. Anke kieku kien hemm din il-prova dan ma jfissirx li Diane Abela qalghet id-daqqa fuq wiccha minghand missierha, imma jfisser biss li l-pipe gie mcappas bid-demm wara li hija waqghet u stordiet minn fuq id-dghajsa li kienet fil-mahzen in kwistjoni.

Skond id-Difiza la hemm laptus reus u lanqas il-mens rea f’dan il-kaz. Ghaldaqstant l-imputat ghandu jigi liberat.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Il-Qorti m’għandha ebda dubju li Diane Abela sofriet il-ġerħa f’wiċċha minħabba li l-imputat xejjer daqqa bil-ħadida u laqatha f’wiċċha u li Josef Curmi sofra feriti ħfief minħabba li ntlaqat ukoll mill-istess ħadida. Il-Qorti qed tibbaża l-konkluzjoni tagħħa fuq dawn il-fatti:

(a) Dak li qalet Diane Abela stess lil Dr. Mario Scerri a tempo vergine ‘ġew aggrediti mill-istess missierha, Angelo Abela, fejn hi allegat ma’ l-esponent li qalgħet xi daqqa ta’ kanna tal-metall fuq rasha.’ Hawn Diane Abela kienet ezaminata fis-6 t’April 2004 meta l-fatti kienu għadhom friski u mhux fid-19 ta’April 2004 meta s-sitwazzjoni kienet ikkalmat u l-bint kienet ezentata mill-Qorti biex ma tixhidx fil-proċeduri kontra missierha.

(b) Dak li qal it-Tabib Espert stess dwar li l-feriti huma kompatibbli ma’ blunt trauma.

(c) Dak li qalet Dr.Denis Debono li wkoll qalet li ‘Hi (Diane Abela) kellha idea li kienet qalgħet daqqa ta’ xi ħaġpa tal-metall pero’ ma tiftakar xejn.’ (paġina 98).

(d) Il-fatt li l-imputat stess lanqas jaf fejn laqat lil bintu anzi f’mumenti minnhom saħanstira kien qal ‘Le.’ (paġina 134) meta kien mistoqsi jekk kienx uza l-ħadida imbagħad zied li ‘lilu (Josef Curmi) iva, lilu ppruvajt inxejjirlu u ma lqattux.’ U lanqas hawn ma kien ezatt għaliex lil Josef Curmi laqtu kif jixhdu r-ritratti meħudin mill-espert maħtur mill-Qorti.

(e) Il-ġrieħi gravissimi li sofriet Diane Abela ċertikati għal darba, darbtejn kemm mit-Tabiba Denise Debono kif ukoll mill-espert maħtur mill-Qorti.

(f) Mill-istqarrija stess ta’ l-imputat li ammetta li kien qed jagħmel għassa u ħareġ bil-ħadida u fejn a tempo vergine kien qal għal darba, darbtejn ‘fuq dahar Diane u lqattha ġo daharha’ u ‘Waħda biss jew ġo daharha jew ġo ġenbha.’

(g) Mill-fatt li fl-istqarrija tiegħu stess l-imputat ammetta li l-ħadida kienet tiegħu.

**L-Argumenti tad-Difiza.**

L-ewwel argument kien li ħadd ma ra lill-imputat ixejjer bil-ħadida lil Diane Abela inkluz Josef Curmi. Ir-risposta għal dan l-argument hija sempliċi: hemm l-evidenza univoka cirkostanzjali li torbot lill-imputat ma’ dak li ġara. Il-provi okulari huma evidenza tajba izda mhumiex l-unku evidenza.

It-tieni argument tad-difiza hu li l-ġrieħi huma kompatibbli ma’ waqgħa minn għoli. L-ewwelnett it-teorija ta’ l-hekk imsejħa waqgħa bdiet tiġi prospettata mill-imputat stess fl-istqarrija tiegħu meta ra għal xhiex kien wassal l-aġir tiegħu- bintu ma’ l-art f’għadira demm. Din il-Qorti izda mhix konvinta minn din it-teorija. L-ewwelnett il-fatt li ġrieħi jistgħu jkunu kompatibbli ma’ waqgħa u ma’ daqqa b’ħadida ma jwassluhiex għal konkluzjoni awtomatika ta’ (a) dubju jew (b) li l-ġrieħi bilfors kienu rizultat ta’ waqgħa.

Bil-maqlub il-Qorti m'għandha ebda dubju li kienet id-daqqa li xejjer l-imputat bil-ħadida li wasslet għall-ġrieħi serji fuq Diane Abela u l-ġrieħi ħfief fuq Josef Curmi. Il-possibilita' li l-ġrieħi saru mod ieħor minn kif allegat il-Prosekuzzjoni trid tkun imsejsa fuq pedamenti ta' probabilita' serja li meta wieħed iqis iċ-ċirkustanzi kollha allura imbagħad jaċċetta l-possibilita' alternattiva prospetata u d-dubju jmur favur l-imputat.

Izda hawnhekk iċ-ċirkostanzi huma vibranti kontra din it-tezi tad-difiza. Mhux biss hemm l-evidenza diretta ta' l-espert forensiku u t-tabiba, imma

(1) il-ħadida li l-imputat allega li setgħet kienet fl-art ma nstabitx meta t-tfittxija għaliha kienet immedjata;

(2) mir-ritratti esbiti kemm dawk tas-scene of the crime officer kif ukoll ta' l-espert forenisku ma tidher ebda evidenza ta' xi brix fuq il-ħajt jew fuq il-wiċċ ta' Diane Abela li seta' sar minn xi tkaxkira mal-ħajt (għaliex l-imputat allega fl-istqarrija li Diane Abela weġġgħet wiċċha jew mal-ħajt jew ma' biċċa ħadida li kien hemm fl-art.)

(3) l-imputat kien inkonsistenti bejn dak li qal fl-istqarrija u kif xehed u f'partijiet tax-xhieda tiegħu ma' partijiet oħra ta' l-istess xhieda;

(4) dak li seħħ ma kienx frott ta' saħna tad-demm izda minn fomm l-imputat nafu li qagħad jistenna u jgħasses u ħareġ b'ħadida f'idejh.

***<u>Dawn ir-raġunijiet kumulativamment ixejnu kull dubju li wieħed seta' kellu f'moħħu dwar ir-responsabbilita' lampanti ta' l-imputat.</u>***

It-tielet argument tad-difiza hu li vittma ewlenija ma xehditx. Izda għal dan l-argument hemm ir-risposta li mhux veru li m'hemm ebda xhieda li xxejjen dak li qal l-imputat. Fil-fehma tal-Qorti hemm xhieda ampja li għaliha diġa' saret referenza – u dan minkejja l-ezenzjoni msemmija – li twassal għall-prova ta' l-imputazzjoni dwar il-ġrieħi.

Ir-raba' argument tad-difiza huwa li Diane Abela ma qalitx li qalgħet daqqa fuq wiċċha minn missierha. Dwar dan l-argument il-Qorti tqis li ċ-ċirkostanzi meta Diane Abela qalgħet id-daqqa ma jħallu ebda dubju din id-daqqa minn fejn ġiet jew minn min saret. Ma jidhirx li fil-viċinanzi seta' kien hemm persuna oħra li wettqet dan ir-reat. Għall-anqas id-difiza naqset li ġġib tali prova.

Il-ħames argument huwa li ma sar ebda ezami fuq il-pajp u allura m'hemm ebda prova li l-pajp huwa mċappas bid-demm ta' Diane Abela. Skond id-difiza 'imma jfisser biss illi l-pajp ġie mċappas bid-demm wara li hija waqgħet u stordiet minn fuq id-dgħajsa li kienet fil-maħzen in kwistjoni.'

Bir-rispett kollu għal din is-sottomissjoni, ma jidhirx li dan il-kaz ippernja fuq jekk il-pajp kienx imxarrab bid-demm jew le. Il-konkluzjoniet tal-Qorti jistrieħu fuq l-evidenza msemmija fil-paragrafi preċedenti u ma jfissirx li għax ma sarx ezami forensiku fuq il-pajp, allura il-kaz jaqa'. Jista' ma jinstabx katavru u xorta imputat jista' jinstab ħati ta' qtil volonatarju u dan għaliex ikun hemm evidenza oħra li tipprova r-reita'.

**Grieħi fuq Josef Curmi**

Il-Qorti hija soddisfatta li dawn saru mill-imputat kif jidher mix-xhieda tat-Tabib Anthony Carmel Bugeja 'Qalli li qala' daqqiet minn għand missier it-tfajla' (fol 101), miċ-ċertifikat ta' l-istess tabib a fol 9, u mill-ezami li għamel Dr.Mario Scerri fis-6 t'April 2004 a fol 50 et seq u bil-konkluzjoni numru 9 li l-lezjonijiet huma ta' natura ħafifa. (fol 58). L-artikolu 221(4) tal-Kodiċi Kriminali huwa soddisfatt ukoll mid-dokument AC a fol 25 fejn jidher li l-persuna li rraportat hija Josef Curmi (ID 0428984(M)). Dawn il-ġrieħi jaqgħu ukoll tħt il-provvediment ta' l-artikolu 214.

**338(dd) u 339 (1)(d)**

L-Avukat Ġenerali inkluda wkoll dawn iz-zewġ kontravenzjonijiet. L-ewwel waħda tgħid hekk: 'b'kull

manjiera li mhux mod ieħor provdut għaliha f'dan il-Kodiċi, deliberatment jikser l-ordni pubbliu u l-paċi pubblika.

L-avvenimenti deskritti f'dawn il-proċeduri seħħu fit-Triq bejn l-10.00 u l-10.30 p.m. L-imputat jidher li xejjer ħadida fid-direzzjoni kemm ta' Diane Abela kif ukoll ta' Josef Curmi f'nofs ta' triq. It-riq hija dejjem post pubbliku ukoll jekk tkun baħħ kif affermat il-Qorti ta' l-Appel Kriminali reċentement meta daħlet a fondo f'din il-kwistjoni. Għaldaqstant il-Qorti ssib li l-imputat huwa ħati ta' din il-kontravenzjoni.

Min-naħa l-oħra l-Qorti ser tillibera lill-imputat minn kull ħtija tal-kontravenzjoni li tidher fl-artikolu 339 (1)(d) – 'jagħmel tentavi biex juza l-forza kontra persuna bl-intenzjoni li jinsulenta jew iweġġagħha jekk kemm-il darba l-fatt ma jikkostiwix xi offiza oħra f'xi artikolu ieħor tal-Kodiċi' – minħabba li l-provi jwasslu għall-artikoli oħra tal-Kodiċi Kriminali u m'hemmx fatti oħra f'dawn il-proċeduri li ma jaqgħux taħt l-artikoli mogħtija mill-Avukat Ġenerali.

**L-Artikolu 222**

L-Avukat Ġenerali ta dan l-artikolu wkoll fis-sub-paragrafu (a). Ezami ta' dan l-artikolu turi li dan qed jirreferi għall-aggravji meta l-feriti jkunu saru fuq xi axxendent, omm jew missier, jew fuq l-aħwa, fuq ir-raġel jew fuq il-mara, jew omm u missier naturali ; fuq xi xhud jew espert meta dan ikun xehed jew ta l-opinjoni tiegħu waqt kawza jew fuq tifel jew tifla li jkollhom anqas minn 9 snin; jew fuq il-persuna ta' xi uffiċjal pubbliku minħabba li dan kien qeda dmiru. Fil-fehma tal-Qorti l-fatti fil-kaz odjern ma jinkwadrawx taħt dan l-artikolu minħabba li hawn si tratta ta' axxendent li attakka dixxident u mhux bil-maqlub u d-dixxendent kellha aktar minn disa' snin. Għaldaqstant il-Qorti qed tillibera lill-imputat minn dan l-aggravju.

**L-artikolu 216 (1)(b)**

Dan l-artikolu jgħid li l-feriti jitqiesu gravi u hemm piena ta' ħabs ta' bejn it-tliet xhur u t-tliet snin meta, skond is-subinċiz (b):

'if it causes any deformity or disfigurement in the face, neck, or either of the ahnds of the person injured.'

Għal dan l-artikolu m'hemmx bzonn li l-isfreġju jkun permanenti bħalma hu meħtieġ għall-artikolu 218. Lanqas ma wieħed jista' jgħid li jekk l-isfreġju mhux permanenti allura l-Qorti għandha tillibera. Kif turi l-ġurisprudenza, hemm differnza netta bejn l-artikolu 216 u 218. Mill-provi jirrizulta ampjament li l-ġrieħi kienu gravi mhux biss mil-lat mediku izda wkoll mil-lat kif meqjusa mil-Liġi u huwa bizzejjed li wieħed iħares lejn il-lista formidabbli ta' ksur li jwassal għall-disfigurement jew li jħares lejn ir-ritratti a fol 46, 47, 48 fir-relazzjoni ta' l-espert forensiku. Dawn il-feriti jaqgħu kemm l-artikolu 214 kif ukoll 216 (1) (b).

Ir-reati mwettqin mill-imputat mhumiex skuzati taħt l-artikolu 230 tal-Kap 9 u dan ukoll jekk kien taħt ċertu stress minħabba li kienu qed jonqsuh il-flus u kien hemm problemi oħra fil-familja.

Għaldaqstant il-Qorfti, wara li rat iz-zewġ imputazzjonijiet u l-artikoli mibgħuta mill-Avukat Ġenerali u cioe' 214, 216 (1) (b), 222; 214; 221; 338 (dd) u 339 (1) (d) tal-Kap 9, u wara li qieset l-artikolu 17 (h) ta' l-istess Kap issib l-imputat ħati ta' l-ewwel imputazzjoni u tat-tieni imputazzjoni bi ksur ta' l-artikoli 214, 216 (1) (b) . 221 u 338 (dd) biss izda tilliberah minn kull imputazzjoni li huwa kiser l-artikoli 222 u 339 (1) (d) tal-Kap 9.

Dwar il-piena, il-Qorti qed tqis li l-aggressjoni f'dawn il-proċeduri kienet u serja u l-avvenimenti ma ġrewx f'daqqa izda l-imputat għasses u ħejja ruħu. Il-Qorti ma tqisx li l-problemi li l-imputat kellu fil-familja jiġġustifikaw b'xi mod l-aġir li tiegħu sabitu ħati kemm vis a vis bintu kif ukoll tal-boyfriend tagħha għaliex il-ġenituri jridu jittolleraw u jġorru s-salib fuq spallejhom ukoll meta l-problemi jkunu nsapportibbli. Huma u qatt m'għandhom id-dritt li jieħdu l-liġi b'idejhom.

Il-Qorti, wara li rat l-artikoli msemmija kif ukoll l-arikolu 28A tal-Kap 9, qed tikkundanna lill-imputat għal sentejn (2) priġunerija sospizi għal erbgħa u għall-multa ta' Lm400 (erba' mitt lira Maltija). Il-Qorti spjegat lill-imputat xi jfisser l-artikolu 28 A tal-kap 9 fi kliem sempliċi u x'inhuma l-konsegwenzi jekk iwettaq xi reat ieħor fiz-zmien mogħti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------